**Qed nibda' nifhmek**

Naf minn xiex tkun għaddejja
Kemm tofroq imwieġ f'imwieġ,
Din hi l-ħajja ordinarja
Battalja sħiħa għas-skiet.

Madankollu tib'għaddejja
Taħdem, tgħidx kemm tirsisti,
Donnok taf x'inhi dil-ħajja
F'hiex tassew tikkonsisti.

Ħajr lilek o wisq qalbiena
Li b'kalma u umiltà,
Aktar tagħraf x'inhu s-sewwa
Qed jimlik bil-karità.

Il-bżulija ħelwa tiegħek
Timxi miegħek kull fejn tmur,
Ħafna jintlaqtu b'imħabbtek
Tiltaqa' miegħek unur.

Ibqa' kun strument ta' paċi
Kulfejn tkun ġib il-mistrieħ,
Dan hu l-oħla don li għandek
Għalhekk ifraħ ħafna bih.

U dak is-skiet ħelu manna
Li tant jiftaħ bosta qlub,
Ibqa' ħaddmu meta tista'
Ireġġa' lura 'l-maħrub.

Tkompli miexja dejjem miegħek
Marija, din hi ommok,
Li msieħba mal-kbir Ġużeppi
Magħha qiegħda iżżommok.

Le qatt m'għandek taqta' qalbek
Meta niftakar f'ismek,
Fit-talb inħossok qrib tiegħi
Ngħidlek: Qed nibda' nifhmek.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.